*DIVIZJONI*

*PJAN TA' QASMA*

*RAPPORT PERITALI*

*DIVIZJONI PARZJALI*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju 2017

**Kawza Numru : 19**

**Rikors Guramentat Numru : 913/2015/LSO**

**Andrew Vella (K.I. 879353M), Maria Carmela Farrugia (K.I. 147152M), Anthony Vella (K.I. 18656M) u Rita D'Amato (K.I. 48761M)**

**vs**

**Orazio sive Grezzju Vella (K.I. 720844M) u Rose Grech (K.I. 90308M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Andrew Vella (K.I. 879353M), Maria Carmela Farrugia (K.I. 147152M), Anthony Vella (K.I. 18656M) u Rita D'Amato (K.I. 48761M) datat 29 ta’ Settembru 2015 fejn bil-gurament Andrew Vella kkonferma u ddikjara l-fatti segwenti, liema fatti jaf bihom personalment u bil-gurament tieghu kkonferma: -

1. Illi l-kontendenti huma lkoll ulied Guzeppi *sive* Joseph Vella u d-defunta Mary Vella li mietet fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) f’ Hal-Luqa hekk kif muri mic-certifikat tal-mewt anness u mmarkat bhala "Dok. A";

2. Illi fil-kors taz-zwieg taghhom, il-genituri tal-kontendenti Guzeppi *sive* Joseph Vella u d-defunta Mary Vella kienu akkwistaw is-segwenti proprjeta`:

i. Permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar John Spiteri Maempel tad-19 ta' Jannar 1965, kienu akkwistaw zewg ghelieqi fil-limiti ta' Hal-Tarxien fil-kontrada ta' Hal-Saflieni imsejha wahda "Tal-Ponta" tal-kejl ta' tomnejn u erba' kejliet (2T-0S-4K) [ekwivalenti ghall-kejl decimali ghal circa elfejn, tliet mija u tlieta u ghoxrin metru kwadru (2,323m$^2$)] u tikkonfina mit-tramuntana ma' beni ta' Giovanni Vella

Mifsud, mill-punent mal-isqaq ta' Hal-Saflieni, u mil-lvant mal-beni ta' Francesco Scicluna u l-ohra imsejha "Tal-Ghadira" tal-kejl ta' erbat itmiem u keltejn (4T-0S-2K) [ekwivalenti ghall-kejl decimali ghal circa erbat elef, hames mija u tlieta u tletin metru kwadru (4,533m$^2$)] soggetta ghac-cens perpetwu fl-att indikat u tikkonfina mit-tramuntana ma' beni ta' Giovanni Vella Mifsud, u min-nofsinhar u mill-punent mal-beni ta' Francesco Scicluna;

ii. Permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Carmel Mangion tas-16 ta' Lulju 1992, kienu akkwistaw porzjoni diviza ta' ghalqa li tinsab fil-limiti ta' Hal-Luqa u Hal-Tarxien, fil-kuntrada ta' Hal-Saflieni liema ghalqa hija msejha "Tal-Ponta tal-Ghadira" u fiha kejl tali porzjon ta' circa elf u hamsa u erbghin metru kwadru (1,045 m.k) liema porzjon jikkonsisti fil-habel ta' fuq mill-istess ghalqa, u jidher indikat fi pjanta annessa ma' kuntratt fl-Atti tal-istess nutar tad-9 ta' Gunju 1992 u tikkonfina l-porzjon trasferita min-nofsinhar ma' beni ta' Paolo Gerada, mit-tramuntana ma' porzjon ohra mill-istess art proprjeta` ta' Michael Cauchi u mil-lvant ma' beni ta' Carmelo Abela kif soggetta tali porzjon ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu ta' Lm0.13c4 u tgawdi d-dritt ta' passagg minn fuq ir-raba' ta' terzi kif ukoll minn fuq il-kumplament tal-ghalqa li hija proprjeta` ta' Michael Bondin liema passagg ghandu wisa' ta' trakk u ghalhekk id-dritt ta' passagg huwa kemm bir-rigel u kemm bil-vettura u huwa perpetwu;

3. Illi omm il-kontendenti mietet minghajr testament u ghalhekk l-eredita` taghha iddevolviet favur is-sitt (6) uliedha, kontendenti odjerni, f’ishma indaqs bejniethom hekk kif gie ddikjarat mill-istess partijiet fid-dikjarazzjoni

*causa mortis* tat-tlettax (13) ta' April 2004 fl-atti tan-Nutar Carmel Martinelli li kopja taghha qieghda tigi annessa u mmarkata bhala "Dok. B";

4. Illi skont l-istess att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* il-proprjeta` fuq imsemmija, giet deskritta bil-mod li gej:

i. Nofs indiviz (1/2) tar-razzett bil-gardina annessa mieghu maghruf bhala "Tal-Ponta" li jinsab fil-kuntrada ta' Hal-Saflieni, limiti ta' Rahal Gdid (qabel il-limiti ta' Hal-Tarxien), fl-isqaq ta' Hal-Saflieni li jizbokka fil-*by pass* li minn Hal-Luqa taghti ghal Santa Lucija, liema razzett huwa maqsum fi tnejn, b'kull parti b'entrarura bla numru fl-imsemmija triq, tal-kejl komplessiv ta' tomnejn u erba' kejliet (2T. OS. 4K.) ekwivalenti ghal circa elfejn tliet mija u tlieta u ghoxrin metru kwadru (2,323m.k) u jmiss kollox flimkien mil-lbic ma' l-imsemmi sqaq, mill-grigal ma' gid tal-istess ahwa Vella u ta' missierhom Guzeppi Vella, mill-majjistral mal-beni ta' l-eredi ta' Giovanni Vella Mifsud u mill-grigal mal-beni ta' l-eredi ta' Francesco Scicluna jew irjieh verjuri bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu;

ii. Nofs indiviz (1/2) tal-porzjoni diviza ta' ghalqa li ghandha forma tawwalija msejha "Tal-Ponta tal-Ghadira" li tinsab fil-kuntrada ta' Hal-Saflieni limiti ta' Rahal Gdid (qabel il-limiti ta' Hal Tarxien) accessibbli minn triq kampestri li mbghad taghti ghall-isqaq ta' Hal Saflieni li jizbokka fil-*by pass* li minn Hal-Luqa taghti ghal Santa Lucija, tal-kejl circa ta' hames sighan (OT. 5S. OK.) ekwivalenti ghal cirka elf u hamsa u erbghin metru kwadru (1,045 m.k) bi dritt ta' passagg perpetwu, bir-rigel u bil-vettura, minn fuq raba' ta' terzi, kif ukoll minn fuq il-kumplament tal-ghalqa proprjeta'

ta' Michael Bondin, liema passagg ghandu wisa’ ta' trakk u jizbokka fit-triq kampestri fuq imsemmija u dina l-porzjoni diviza ta' ghalqa tmiss minn nofsinhar mal-beni ta' Paolo Gerada, mit-tramuntana ma' porzjoni ohra mill-istess ghalqa proprjeta' ta' Michael Cauchi u mil-lvant ma' beni ta' Carmelo Abela kif soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' tlettax-il centezmu u erba' millezmi (Lm0.13c4) bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha;

iii. Nofs indiviz (1/2) tal-porzjoni diviza tal-ghalqa msejha "Tal-Ghadira" fil-kuntrada ta' Hal-Saflieni limiti ta' Rahal Gdid liema ghalqa tikkonsisti f’sitt (6) ihbula kontigwi lkoll ta' forma tawwalija accessibbli minn mghodija li tizbokka fl-isqaq ta' Hal-Saflieni li jghati ghal *by pass* li minn Hal-Luqa taghti ghal Santa Lucija, tal-kejl komplessiv ta' circa erbat itmiem u zewg kejliet (4T. 0S. 2K) ekwivalenti ghal erbat elef, hames mija u tlieta u tletin metri kwadri (4,533 m.k) u tmiss mit-tramuntana mal-beni ta' l-eredi ta' Giovanni Vella Mifsud, min-nofsinhar mal-beni tal-eredi ta' Francesco Scicluna u mill-punent in parti ukoll mal-porzjon diviza t'ghalqa msejha "Tal-Ponta tal-Ghadira" deskritta hawn aktar 'l fuq li tappartjeni lill-partijiet u lil missierhom Giuseppe Vella bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha;

5. Illi fil-waqt li l-kontendenti odjerni wirtu n-nofs *(1/2)* indiviz provenjenti mill-wirt tal-mejta ommhom, ir-rimanenti nofs (1/2) indiviz li kien jappartjeni lil missier il-kontendenti Guzeppi Vella (li ghadu haj) gie trasferit lill-intimat Orazio *sive* Grezzju Vella b'titlu ta' donazzjoni maghmula permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Joseph Debono tat-tmintax (18) ta' Marzu 2005, kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi annessa u mmarkata bhala "Dok. C";

6. Illi minbarra l-proprjeta` immobbli deskritta aktar 'l fuq kien hemm ukoll proprjeta` mobbli konsistenti f' ghadd ta' baqar u bhejjem ohra flimkien ma' xi ghodda ghat-tahlib kif ukoll ghamara tal-fond tar-residenza tal-istess genituri liema proprjeta` mobbli kienet tappartjeni wkoll lill-mejta Mary Vella u lil zewgha Giuseppe Vella u li dan jidher li ghaddiha lill-konvenut l-intimat Orazio *sive* Grezzju Vella li ghalhekk illum jinsab fil-kontroll assolut tal-istess beni mobbli;

7. Illi jsegwi ghalhekk li *in vista* tat-trasferimenti *causa mortis* kif ukoll *inter vivos* fuq imsemmija, il-kontendenti jinsabu fi stat ta' komunjoni tal-intier tal-proprjeta` msemmija hawn aktar 'l fuq u dan fl-ishma segwenti:

a. Kull wiehed mill-kontendenti, u cioe` kull wiehed mis-sitt (6) ahwa, wiret sesta parti indiviza tan-nofs indiviz tas-sehem tal-kompjanta ommu ossia dodicesima (1/12) parti indiviza tal-intier;

b. Il-konvenut Grezzju Vella wahdu, akkwista wkoll sehem ta' nofs (1/2) indiviz biex b'hekk is-sehem tieghu hu ta' seba' minn tnax-il parti indiviza (7/12) tal-intier;

8. Illi l-atturi ma jixtiequx jibqghu fi stat ta' komproprjeta` u ghalhekk interpellaw lill-intimati permezz tal-opportuna ittra ufficjali tal-hamsa (5) t' Awwissu 2015 numru 2762/2015 (Dok. D) sabiex jersqu u jaddivjenu ghal pjan ta' divizjoni biex b'hekk tkun tista' ssir il-qasma tal-beni mizmuma in komun;

9. Illi ghad li l-intimati gew interpellati huma naqsu milli jersqu sabiex jithejja dan il-pjan ta' divizjoni u s-sussegwenti qasma u fil-waqt li l-konvenuta Rose Grech ma tat ebda risposta, il-konvenut l-iehor Grezzju Vella fl-24 ta' Awwissu 2015 baghat jitlob ghal provi dokumentarji ossia l-kuntratti suriferiti li taghhom huwa firmatarju. Kopja tal-ittra relattiva tinsab annessa u mmarkata "Dok. E", ghal-liema ittra l-esponenti wiegbu permezz ta' ittra bonarja ohra tal-15 ta' Settembru 2015, li kopja taghha tinsab annessa u mmarkata "Dok. F";

10. Illi inoltre, l-intimat qieghed izomm lill-esponenti milli jersqu lejn ir-raba' mertu tal-kawza jew inkella milli jahdmu partijiet mill-imsemmija raba';

11. Illi peress li m'hemm ebda prospett ragjonevoli ta' soluzzjoni kellha ssir din il-kawza;

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li r-rikorrenti ma jixtiequx jibqghu fi stat ta' komproprjeta` tal-proprjeta` mobbli u immobbli sopradeskritta u ghalhekk kellhom jintavolaw il-procedura odjerna sabiex tigi mfassla d-divizjoni u s-sussegwenti qasma tal-beni tal-proprjeta` msemmija aktar 'l fuq jew il-bejgh in licitazzjoni tal-istess skont il-kaz;

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara li kull wiehed mill-kontendenti Andrew Vella, Maria Carmela Farrugia, Anthony Vella, Rita D'Amato u

Rose Grech huwa komproprjetarju ta' kwota ta' dodicesima (1/12) parti indiviza tal-intier filwaqt li l-intimat Orazio *sive* Grezzju Vella huwa komproprjetarju tar-rimanenti seba' minn tnax-il parti indiviza (7/12*)* tas-segwenti proprjeta`:-

a. Tal-ghalqa fil-limiti ta' Hal-Tarxien fil-kontrada ta' Hal-Saflieni imsejha wahda "Tal-Ponta" tal-kejl ta' tomnejn u erba' kejliet (2T-0S-4K) [ekwivalenti ghall-kejl decimali ghal circa elfejn, tliet mija u tlieta u ghoxrin metru kwadru (2,323m$^2$);

b. Tal-ghalqa imsejha "Tal-Ghadira" tal-kejl ta' erbat itmiem u keltejn (4T-0S-2K) [ekwivalenti ghall-kejl decimali ghal circa erbat elef, hames mija u tlieta u tletin metru kwadru (4,533m$^2$)];

c. Tal-porzjoni diviza ta' ghalqa li tinsab fil-limiti ta' Hal-Luqa u Hal-Tarxien, fil-kuntrada ta' Hal-Saflieni liema ghalqa hija msejha "Tal-Ponta tal-Ghadira" u fiha kejl tali porzjon ta' circa elf u hamsa u erbghin metru kwadru (1,045m$^2$);

d. Tal-proprjeta` mobbli konsistenti f' ghadd ta' baqar u bhejjem ohra flimkien ma' xi ghodda ghat-tahlib kif ukoll ghamara tal-fond tar-residenza tal-istess genituri tal-kontendenti liema oggetti qeghdin taht il-kontroll tal-konvenut Orazio *sive* Grezzju Vella;

2. Tiddikjara li l-partijiet huma komproprjetarji fl-istess kwoti tal-proprjeta` mobbli konsistenti f' ghadd ta' baqar u bhejjem ohra flimkien ma' xi ghodda ghat-tahlib kif ukoll

ghamara tal-fond tar-residenza tal-istess Mary Vella liema proprjeta` mobbli kienet tappartjeni wkoll lill-mejta Mary Vella;

3. Tordna l-qasma tal-istess beni bejn il-kontendenti prevja li jigi redatt pjan ta' divizjoni bl-opera *occorrendo* ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jersqu fuq l-opportun att ta' divizjoni tal-proprjeta` fuq imsemmija;

5. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jircievi l-opportun att ta' divizjoni;

6. Tiffissa data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt ta' divizjoni;

7. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kuntumaci fuq l-istess kuntratt ta' divizjoni;

8. Tordna li kemm-il darba l-beni mizmuma in komun ma jistghux jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara, u ma tistax issir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda tal-istess valur, il-beni komuni tal-kontendenti jigu mibjugha b'licitazzjoni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei sabiex ir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fil-kwoti rispettivi;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 2762/2015, kontra l-konvenuti, minn issa ingunti in subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-istanti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 2015.

Rat illi minkejja li l-konvenut gie notifikat fil-15 ta' Ottubru 2015 bir-rikors u bl-avviz tas-smigh baqa' ma pprezenta l-ebda risposta (kif jidher *a tergo* ta' fol 29 tal-process).

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 16 ta' Frar 2017 fejn Meta ssejhet il-kawza deher Dr John Bonello ghall-atturi prezenti fl-Awla li ghamel referenza ghan-nota ta' Rose Grech tad-9 ta' Frar 2017 li tikkonferma l-qbil taghha ma' dak verbalizzat fit-2 ta' Frar 2017. Il-konvenuta Rose Grech prezenti fl-Awla. Dr Bonello ddikjara li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza abbazi ta' dak verbalizzat fit-2 ta' Frar 2017. Dr Bonello talab li jinhatar in-Nutar Peter Carbonaro biex jippubblika l-kuntratt opportun. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din l-azzjoni, r-rikorrenti, minhabba li ma jridux jibqghu izjed fi stat ta' komproprjeta`, qed jitolbu li ssir il-qasma wara li jigi redatt pjan ta' divizjoni minn espert mahtur, u f'kaz li l-beni in komun ma jistghux jigu divizi, qed jintalab il-bejgh b'licitazzjoni sabiex il-partijiet ikunu jistghu jiehdu l-kwoti rispettivi taghhom.

Illi l-intimat naqas milli jipprezenta r-risposta u ghalhekk huwa kontumaci skont il-ligi.

Min-naha l-ohra, l-intimata Rose Grech ipprezentat nota (fol 32) fejn ammettiet it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti, u ssottomettiet ruhha ghas-savju gudizzju ta' din il-Qorti.

**Provi:**

**Andrew Vella** xehed permezz ta' affidavit (fol 40-43) fejn qal li hu iben Joseph Vella li ghadu haj u ghandu 96 sena, filwaqt li ommu Mary Vella mietet intestata fit-23 ta' Dicembru 2002, ghalhekk il-wirt taghha ghadda fuq is-sitt uliedha. Spjega li wara li saret id-denunzja, instab minn ricerki li ghamlu, li nofs (1/2) indiviz tal-proprjeta` li ghadha tappartjeni lill-missier gie trasfert fuq l-intimat Orazio Vella permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat 18 ta' Marzu 2005. Qal li huh Orazio qed jokkupa l-art u r-razzett li hu kbir hafna u minn meta missieru kiber, huh Orazio jaghlaq lil missieru fir-razzett. Semma li kemm-il darba missierhom waqa' jew korra, u kienu huh Anthony li kien jiehdu l-isptar u jdur bih. Qal ukoll, li kienu baghtu l-ittri sabiex issir il-qasma u d-divizjoni, u malli pprezentaw il-kaz odjern, ohthom Rose infurmat li ma kellhiex problema biex tersaq ghall-qasma. Min-naha l-ohra, qal li huh Grezzju l-ewwel qallhom li jrid jiltaqa' biex jiftehmu imbaghad ma kellimhomx aktar.

**Anthony Vella**, **Carmen Farrugia**, u **Rita D'Amato**, kkonfermaw bil-gurament il-kontenut tal-affidavit ta' huhom Andrew Vella.

**Joseph Zammit**, in rapprezentanza tas-Servizzi Veterinarji tad-Direttur tal-Agrikoltura xehed (fol 58-61)[1] u qal li l-ahhar zewg annimali li kellu fuqu Joseph Vella kienu zewg moghziet li llum jinsabu ghand Adrian Vella, u wara li ntbaghtet '*warning letter'* mid-Dipartiment, sar it-trasferiment mehtieg fuq Adrian Vella. Qal li l-permess ta' Joseph Vella kien 'D' (rziezet li jdahhlu l-halib), izda ta' Grezzju Vella kien 'R' (rziezet li ma jdahhlux halib). Minkejja dan spjega li dik il-licenzja tal-halib m'ghadx ghandha valur. Qal li l-ahhar spezzjoni li kienet saret ghand Grezzju Vella, kien instab li l-annimali gew trasferiti lil terz.

**<u>Rapport tal-Perit Alan Saliba:</u>**

B'digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru 2015, gie nominat il-Perit Alan Saliba bhala Perit Arkitett (fol 33) u r-rapport tieghu jinsab esebit a fol 79 *et sequitur* tal-process fejn ikkonstata li l-proprjeta' tinsab barra miz-zona tal-izviupp, u li l-irziezet inbnew qabel is-sena 1967 u ma jirrizultax li hemm permess ta' bini. Ghalhekk ikkonkluda li ghalkemm qed issir referenza ghal zewg irziezet, fil-fatt kull razzett "*huwa ahtar raba' b'xi kmamar fuqha meta wiehed ikkonsidra x'hemm mibni legalment."*. Fir-rapport tieghu, gie kkonfermat, li l-proprjeta` in kwistjoni mhijiex komodament divizibbli fi tnax-il porzjon ugwali. Madanakollu peress li l-intimat Orazio Vella ghandu sehem akbar minn dak tal-hames kontendenti l-ohra ta' seba' partijiet minn tnax (7/12), il-Perit ippropona zewg opzjonijiet li jinkorporaw id-distribuzzjoni tas-sehem relattiv in parti fi proprjeta' u in parti fi flus wara li tinbiegh parti

[1] Seduta tat-2 ta' Frar 2016.

relattiva mill-istess proprjeta u cioe` Opzjoni 1, u Opzjoni B, u rrelata hekk:

*"Fl-ewwel opzjoni ghandu jsir il-bejgh bil-licitazzjoni tar-razzett (A), filwaqt li fit-tieni opzjoni, ghandu jsir il-bejgh tar-razzett (B) fejn fiz-zewg opzjonijiet tithallas l-ekwiparazzjoni mill-istess rikavat. F'kull opzjoni jibqa' biss il-passagg bir-rigel sabiex iservi l-partijiet (E) (F) (G) (H) (I) (J) li fl-ewwel opzjoni dan il-passagg jigi komuni biss bejn l-erba' kontendenti li jmisshom dawn il-partijiet filwaqt li fit-tieni opzjoni dan il-passagg jigi komuni bejn is-sitt partijiet kollha. Jigi rilevat ukoll illi f'kull opzjoni l-unika xogholijiet li ghandhom isiru huma dawk relatati mat-tniffid tal-ghalqa (C) mar-razzett (A) jew (B) skont il-kaz u s-separazzjoni tas-servizz tad-dawl sabiex l-istess servizz ikun iservi biss ir-razzett (B)".*

Illi gie wkoll ikkonstatat, li jekk ma tigix ikkunsidrata l-ebda wahda minn dawn iz-zewg opzjonijiet, f'kull kaz tista' tinbiegh il-proprjeta` kollha b'licitazzjoni u r-rikavat jinqasam skont il-kwoti rispettivi tal-partijiet.

Jirrizulta mid-deskrizzjoni peritali, li l-proprjeta` in kwistjoni tikkonsisti, f'zewg irziezet adjacenti u separati minn xulxin (A) u (B). Fuq wara tal-irziezet, hemm bicctejn raba`, (C u D) li fuq wahda minnhom hemm xi kmamar, sitt ihbula raba' (E) (F) (G) (H) (I) (J), mtarrga l'isfel lejn il-wied.

Wara li l-gew ikkonsidrati, il-punti relevanti, il-lok fejn tinsab il-proprjeta`, il-Perit Tekniku wasal ghall-konkluzjoni li l-proprjeta` in kwistjoni ghandha tigi stmata bil-valur tal-sitt

mija, tlieta u tmenin ewro, mitejn u sitta u hamsin centezmu (Ewro 683,256).

Sussegwentement ghan-nota pprezentata mill-Perit Tekniku a fol 62, gie nominat is-surveyor Luca Galea sabiex jaghmel survey taht id-direzzjoni tal-Perit Tekniku b'digriet tat-12 ta' April 2016 (fol 67). Illi s-survey jinsab esebit flimkien mar-rapport tal-perit bhala Dok SLG a fol 103 tal-process.

Illi in segwitu, ma saritx talba ghal periti perizjuri, fit-terminu taz-zmien hekk kif stabbilit mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:**

L-azzjoni odjerna tikkontempla d-divizjoni ta' art provenjenti minn eredita` ta' omm il-kontendenti. Huwa principju stabbilit li kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu jedd jiehu s-sehem tieghu ta' gid in natura skont l-artikolu 502 tal-Kap 16. Ghalhekk, kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu l-jedd jippartecipa fil-qasma tal-eredita` fl-interezza taghha.

Illi skont ir-rapport peritali, inghataw zewg opzjonijiet kif tista' ssir id-divizjoni. Madankollu, fiz-zewg opzjonijiet, it-terminazzjoni tal-komproprjeta` tista' ssir biss b'divizjoni in natura, kif ukoll b'bejgh b'licitazzjoni, ta' razzett A fl-ewwel opzjoni, u ta' bejgh b'licitazzjoni ta' razzett B fit-tieni opzjoni.

Illi tajjeb li din il-Qorti tenunzja l-principji li jirregolaw l-istitut ta' divizjoni u bejgh b'licitazzjoni.

Fost il-principji li ssawru dwar id-divizjoni tal-gid komuni. hemm il-principju assodat li kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu jedd jiehu s-sehem tieghu tal-beni indivizi in natura. **(artikolu 502 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta)** u l-bejgh in licitazzjoni huwa rimedju eccezzjonali ghal din ir-regola.[2] Inoltre`, hadd ma jista' jigi mgieghel li jibqa' jzomm haga in komun ma' haddiehor. (**Artikolu 496 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Il-Qorti ghandha tinvestiga jekk il-beni indivizi huma komodament divizibbli. F'dan l-ezercizzju, l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li tordna ekwiparazzjoni fi flus, jew anke bl-imposizzjoni ta' renta, fejn l-ishma ma jirrizultawx indaqs. (**artikoli 505 u 506 tal-Kap 16**).

Fil-kaz **"Giuseppe Zammit vs Ludgarda Grech"** P.A.- 8 ta' Marzu 1983 intqal:

"*Meta beni komuni jistghu jigu divizi bejn il-komproprjetarji, it-terminazzjoni tal-komunjoni ghandha ssir bil-mezz ta' divizjoni. Jekk il-beni in komuni ma jistghux jigu maqsuma komodament u bla diskapitu, dawn il-beni ghandhom jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom."*

[2] Ara ad ez. Sentenza tat-22 ta' Dicembru, 1948, moghtija mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza **"Nazzareno Xuereb vs Giovanni Dimech et"** citata b'approvazzjoni fis-sentenza tal-On. Qorti ta' l-Appell fil-kaz "**Nicholas Jensen Testaferrata pro et noe vs in-Nobbli Anna Maria Spiteri Debono pro et noe**. et – dec.fid-29 ta' April 2005; App Civ:5.3.1954 fil-kawza fl-ismijiet **Baldacchino et vs Baldacchino** (Koll.Vol:XXXVIII.105) u P.A. 2.3.1959 fil-kawza fl-ismijiet **Fleri vs Portelli** (kollez. Vol.XlIII.ii.657)

F'dan l-istess kaz, gie kkwotat il-kaz **"Speranza Vella vs Antonio Sciberras noe"** P.A. 6 ta' Marzu 1948, fejn gie ritenut li:

*"Meta l-beni ma jistghux jinqasmu komodament minghajr ekwiparazzjonijiet esagerati u sproporzjonati, ghandhom jigu licitati."*

Fil-kawza **"Herbert Conti vs George Tonna"** P.A. 24 ta' Marzu 1983 inghad:

*"Mill-banda l-ohra **l-artikolu 552 tal-Kodici Civili** jipprovdi li jekk il-beni in komun ma jkunux jistghu jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara, u ma tkunx tista' ssir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti, izda tal-istess valur, dawn il-beni jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom." (*Ara wkoll **"Edwards Major Joseph vs Cuschieri Dr. Leslie et"** P.A. – 22 ta' Jannar 1999).

Fil-kaz in ezami, ghalkemm hemm il-qbil tar-rikorrenti u tal-intimata, Rose Grech, dwar id-divizjoni, jirrizulta li l-intimat Grezzu Vella huwa kontumaci u ghandu jinghad li l-kontumacja hija fiha nnifisha mhijiex ammissjoni izda ghandha tigi interpretatat bhala oppozizzjoni hekk kif ritenut fil-gurisprudenza.

*"Hu pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni."* **("Charles Saliba s Salvu Borg" -** Appell 27-6-1997) u "skont kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f'certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabbilixxi l-verita` tal-fatti." (**"Ruth Apap vs Noel**

**Apap"** – PA. FDP 30-6-1995, u **Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe.** PA AF 15-1-2014).

(Ara wkoll **Raymond Gauci pro et noe vs Christopher Galea**, P.A., deciza fis-26 ta' April 2001; **Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak et ,** P.A. deciza fil-15 ta' Jannar 2014; **Ronald Micallef et vs Subway Malta Limited**, P.A. deciza fis-6 ta' Marzu 2001).

**Verbal tat-2 ta' Frar 2017**

Illi fit-2 ta' Frar 2017 id-difensur tal-atturi u Rose Grech prezenti, iddikjaraw li "*jkun aktar gust li jigi evitat il-hlas ta' ekwiparazzjonijet stante l-kontumacja tal-konvenut, u sabiex jigu evitati proceduri ulterjuri ghall-esekuzzjoni ta' xi kreditu li jista' jirrizulta kontra l-istess konvenut, u ghalhekk, in vista tal-ammissjoni ta' Rose Grech qed jissuggerixxi , dejjem b'referenza ghar-rapport peritali, li l-porzjonijiet assenjabbli lill-atturi u lil Rose Grech ghandhom jingabru flimkien u jipproponu s-sewenti:*

*Porzjoni B1170, C428, D982 u H496 li bejniethom ghandhom valur ta' 56.8% u li huma kontigwi, jigu asenjati lill-konvenut Orazio Vella filwaqt li l-bqija jigu assenjati lill-atturi u lill-konenuta Rose Grech fi kwoti indaqs bejniethom."*

Sussegwentement Rose Grech ipprezentat nota ta' formali adezjoni ma' din il-proprosta.(fol 111).

Illi bil-ligi[3] l-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra konvinciment taghha nnifisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar kwistjonijiet teknici. Tali fehmiet m'ghandhomx jigu mwarrba kif gieb u lahaq sakemm ma jkunx jidher sodisfacentment li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli.[4]

Fl-istess vena legali, l-Qorti tosserva izda, li ghalkemm naturalment l-osservazzjonijiet teknici tal-espert inkarigat ghandhom il-piz taghhom, il-punt jekk il-proprjeta` hijiex jew le komodament divizibbli u tista' tinqasam bla hsara jew diskapitu huwa mholli fid-deskrizzjoni tal-Qorti li ghandha tiddeciedi hi dan l-aspett skont ic-cirkostanzi. Kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell, "*anke fil-kaz ta' dubbju dwar id-divizibbilita` ta' fond il-Qorti trid timxi fuq il-principju li fond ma jigix zmembrat b'mod li l-valur tieghu jigi deprezzat.*"[5]

Dawn il-konsiderazzjonijiet huma konformi mal-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **"Giuseppe Mejlak vs Cecilia Zahra Scicluna"**, deciza fit-28 ta' Gunju 1948 fejn osservat li l-ligi taghna tuza l-espressjoni "*komodament divizibbli" u minghajr diskapitu*

---

[3] Art. 681 tal-Kap 12

[4] App Kumm **23.6.1967** fil-kawza fl-ismijiet **Geswarda Bugeja et vs Emanuele Muscat et** (Kollez. Vol. LI.I.389).

[5] Ara sen. tal-Qorti tal-Appell **Giuseppe Meilaq vs Cecilia Zahra Scicluna** deciza fit-28 ta' Gunju 1948 Vol.33B.I.329, kif ukoll sentenza moghtija mill-Prim Awla (GV) fl-ismijiet **Testaferrata Nicholas Jensen pro et noe vs Spiteri Debono Nobbli Anna Maria pen** – 28.01.2002.

*cioe` minghajr pregudizzju tal-interessi tal-kondividendi……..ikun hemm anke diskapitu meta l-fond bid-divizjoni materjali jigi deprezzat fil-valur ekonomiku tieghu….Hu necessarju wkoll illi d-divizjoni materjali ma tkunx tista' ssir komodament cioe` facilment, minghajr inkonvenjent gravi; ghaliex mhux necessarja l-impossibilita` ta' divizjoni in natura; ghaliex kieku kien hekk…..kwalunkwe post jista' jigi diviz, salv l-kazijiet ta' l-impossibilita` assoluta minhabba l-konfermazzjoni jew estensjoni tal-post."*

Kif gie enuncjat fil-kaz "**Paul Grech et vs Lawrence Grech et"** P.A. (JRM) deciza fil-25 ta' Settembru 2003, intqal:

*"Madankollu, jekk biex jitharsu l-principji fuq imsemmija l-qasma tal-hwejjeg komuni tkun qeghda ssir biss fid-deher u tkun mghobbija b'soluzzjonijiet imgebbda, bhal, per ezempju, ekwiparazzjonijiet qawwija, f'dan il-kaz ikun ghaqli li ssir il-licitazzjoni u tkun qeghda tithares il-ligi fil-kelma u l-ispirtu taghha jekk l-eccezzjoni teghleb lill-principju."*

Il-Qorti kompliet:

*"Illi nghad il-kliem "bla xkiel" fil-ligi jfissru bhala "minghajr ma ssir hsara lill-interessi ta' dawk li qeghdin jaqsmu", filwaqt li "bla hsara jfissru "minghajr ma jkun hemm tnaqqis fil-valur tal-gid bil-qasma tieghu."*[6] *L-applikazzjoni ta' tali kriterji f'dan ir-rigward hija wahda ta' fatt.*[7] *Il-kwistjoni ghalhekk dwar jekk ghandhiex tigi ordnata l-licitazzjoni*

---

[6] Ara **Anthony Abela pro et noe vs Joseph Abela et** P.A. (PS) deciza fis-27 ta' Jannar 2003.
[7] Ara **Vella vs Sciberras** (Kollez. Vol. XXXIII.ii.217) P.A. 6.03.1948 u **Azzoprdi v**s Zammit (Koll. Vol XLV.i.355) App Civ. Deciz fis-16 ta' Novembru 1962.

*bhala mezz estrem biex wiehed johrog mill-komunjoni, minflok ir-rimedju ordinarju tad-divizjoni, tirriduci ruhha f'jekk il-qasma materjali hijiex possibbli fil-limiti hawn fuq imfissra.*"[8]

**Apprezzament ta' din il-Qorti dwar ir-rapport peritali u l-pjan propost mill-Atturi.**

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li ghalkemm il-kontumacja ma tfissirx l-adezjoni, b'dana kollu, lanqas ma xxekkel id-diskrezzjoni tal-Qorti f'din il-materja li tasal ghar-rimedju gust li jista' jservi l-interessi tal-kondividendi kollha. Altrimenti l-istess jedd ta' kull komproprjetarju mhux biss li jtemm l-istess ta' komproprjeta', imma li jiehu sehemu in natura, jigi stultifikat dejjem bil-kontumacja tal-kondividend rikalcitranti.

Illi l-Qorti kkonsidrat il-proposta hekk kif ivverbalizzata u taqbel li mhuwiex utili u wisq inqas prattiku li l-intimat jigi mghobbi b'ekwiparazzjonijiet fejn tista' issir divizjoni ekwa bejn il-kondividendi kollha. Inoltre din il-proposta tirrispetta l-konfigurazzjonijiet u osservazzjonijiet maghmula mill-perit tekniku.

Illi l-porzjonijiet li qed jigu proposti li jigu assenjati lill-intimat jaghmlu valur komplessiv ta' €390,397 mentri l-valur tas-sehem dovut lill-intimat ghandu jkun ta' €398,566, u ghalhekk jibqa' ekwiparazzjoni favur tieghu ta' €8,189 mentri fl-opzjonijiet proposti mill-perit tekniku l-ewkiparazzjonijiet dovuti jvarjaw minn bejn €7,838 u

8 Ara **Xuereb et vs Dimech et** (koll. Vol. XXXIII.i.369) App. Civ. Deciza fit-22 ta' Dicembru 1948.

€72,966, dan ta' l-ahhar certament ta' portata qawwija tenut kont il-valur komplessiv tal-artijiet in divizjoni.

Illi il-Perit tekniku osserva li l-hbula tar-raba' iridu jibqghu rispettati u f'dan id-dawl il-Qorti tqies il-proposta kif hekk verbalizzata tirrispetta l-konfigurazzjoni tal-porzjonijiet kif hekk imsawra mill-espert u l-integrita' tal-"*irziezet"* kostruwiti.

Fir-rigward tal-ghalqa "C" il-Perit ippropona li din l-ghalqa ghandha tinzamm jew mar-razzett A, jew mar razzett B biex ikollha access mill-istess razzett. Dan qed jigi rispettat fil-qasma proposta mill-atturi u minn Rose Grech. Il-porzjonijiet E,F,G,H,I u J ghandhom jibghu jinqdew bil-passagg bir-rigel (K) <u>li mhuwiex qed jinholoq</u> b'din il-qasma billi dan il-passagg huwa gja ezistenti.

Jigi notat ukoll li b'din il-proposta, l-uniku xoghol li jrid isir hu ta' tniffid tal-ghalqa C mir-razzett A u s-separazzjoni tas-servizz tad-dawl sabiex dan iservi biss ir-razzett B kif ikkonstata l-perit tekniku (para 4.5. a fol 89). Iz-zewg rziezet huma accessibbli separatament minn trejqa maghrufa bhala Sqaq ta' Hal Saflieni (para 2.3. tar-rapport a fol 82) u ghalhekk lanqas mhu ser jinholoq l-ebda servitu. Inoltre l-ghalqa C tibqa' accessibbli mir-razzett B filwaqt li l-ghalqa D hija accessibbli bi trakk minn fuq proprjeta` ta' terzi (para 2.3 a fol 82).

Illi izda, l-atturi qed jitolbu wkoll li l-porzjonijiet rimanenti jibqghu indivizi bejniethom. Dwar dan il-qorti tosserva li l-azzjoni odjerna hija wahda ghad-divizjoni u li dak li qed jigi

propost ser ihalli xi porzjonijiet indivizi bejn uhud mill-kontendenti.

Fil-kaz **Giorgio Pulo vs Francesco Pulo**, P.A.. (WH) deciza fl-1 ta' Frar 1936, XXIX.ii.940, inghad:

"*Illi per regola d-divizjonijiet parzjali ma humiex ammissibbli, ghaliex id-divizjoni ghandha l-iskop li tittermina l-komunjoni u kwindi jidher guridikament kontrasens li ssir divizjoni u intant jibqa' komunjoni. Imma l-kunsens tal-kollitiganti jista' jiggustifika eccezzjoni ghal din il-massima........Inoltre`, l-gudikant meta hemm il-kunsens tal-kollitiganti kollha, ghandu jsegwi kemm jista' jkun il-massima "judicem in pradis dividendis quod omnibus utilissimum est, vel quod malint litigatores sequi convenit." Dan il-kuncett gie wkoll ribadit fil-kaz **John Mallia vs Alfred Cassar et**, P.A. (GV) deciza fit-3 ta'* Ottubru 1996. (Ara wkoll **Spiridione Curmi et vs Salvatore Curmi**, Qorti tal-Kummerc, deciza fil-21 ta' Ottubru 1992, **Inez Attard vs Edwin Attard et**, P.A. (RCP) deciza fid-9 ta' Jannar 2001, **Maria Assunta Casha et vs Joseph Mary Cutajar et**, P.A. deciza fit-18 ta' Gunju 2004).

Fil-kaz, **Tereza Farrugia et vs Giuseppe Camilleri et**, Qorti tal-Appell Inferjuri (PS) deciza fl-10 ta' Marzu 2004, inghad:

"*Kif jinsab ukoll pacifikament akkolt fuq l-insenjament tal-**Laurent** "Principi di diritto Civile" Vol. X para 291) "l-uniku mezz li kien ikun validu ghall-affettwazzjoni ta' qasma parzjali kien ikun il-kunsens unanimi tal-kollitiginati – f'liema*

*kaz biss ir-regola li divizjoni parzjali mhijiex ammissibbli ccedi l-kamp di fronte ghall-volonta` unanimi tal-interessati." (***Kollez. Vol. XXXV pl p458***).*

Illi din il-qorti tifhem li l-porzjonijiet li qed jigi propost li jibqghu indivizi ser jigu assenjati lill-istess kondividendi li jaqblu li jsir hekk. L-intimat ser jinqata' kompletament u ghalhekk lanqas mhu mehtieg il-kunsens tieghu ghall-porzjonijiet rimanenti li ser jigu assenjati lill-partijiet l-ohra.

Il-qorti ghalhekk ser tghaddi u tiddeciedi hekk:

Li l-porzjonijiet indikati bl-ittri "A876,E I199,F792,G518, I597 u J698 flimkien mal-passagg tar-ragel K murija fuq il-pjanta ASK a fol 94 tal-process ser jigu assenjati lill-atturi u lill-Rose Grech flimkien u indivizament bejniethom f'ishma ugwali bejniethom. Il-passagg K ser jinzamm indiviz ukoll mal-porzjoni H498 li ser jigi assenjat lill-intimat.

Illi ikkonsidrat li l-kondividendi li ser jibghu in komun kollha jaqblu li l-artijiet fuq indikati jigu assenjati indivizament bejniethom. L-intimat m'ghandux interess f'dawn il-porzjonijiet billi ser jinqata' kompletament minnhom u mill-partijiet l-ohra fil-kawza.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ghamara. ghodda u annimali, ma jirrizulta l-ebda elenku jew inventarju tal-istess u fir-rigward tal-annimali, l-uniku prova jikkoncerna zewg moghziet li inbieghu lil terzi ghall-valur injot, u li l-licenzja ghall-halib m'ghandhiex valur[9]. Ghaldaqstant din il-Qorti issib li t-talbiet attrici mhumiex ippruvati.

[9] Xhieda ta' Joseph Zammit a fol 58 *et seq*. tal-process.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx diffikolta legali jew fattwali li taddotta dan il-pjan ta' qasma fis-sentenza taghha.

## III. KONKLUZJONI:

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li kull wiehed mill-partijiet, Andrew Vella, Maria Carmela Farrugia, Anthony Vella, Rita D'Amato u Rose Grech huwa komproprjetarju ta' kwota ta' dodicesima (1/12) parti indiviza tal-intier filwaqt li l-intimat Orazio sive Grezzju Vella huwa komproprjetarju tar-rimanenti seba' minn tnax-il parti indiviza (7/12) tal-proprjeta` komplessiva, kif deskritta fir-rikors promotur u fir-rapport tal-Perit.

2. Tichad it-tieni talba ghar-ragunijiet spjegati.

3. **Pjan ta' Qasma :** Tilqa' t-tielet talba u tordna l-qasma tal-istess proprjetajiet skont dan li gej:

Tordna li jigu assenjati lill-intimat Grazio sive Orazio Vella l-porzjonijiet indikati bl-ittri B1170, C428, D982 u H496 u li huma kontigwi, skont kif deskritti u murija fuq il-pjan imhejji mill-Perit Alan Saliba bhala DOK ASK a fol 94 tal-process, bil-benefikati eretti fuqhom, u bid-drittijiet u pertinenzi li igawdu llum skont kif jirrizulta mir-rapport Peritali a fol 82 tal-process u bil-valur hekk stmat mill-Perit a fol 86 tal-

process u accettat minn din il-Qorti, u bid-dritt ta' ekwiparazzjoni kontra l-atturi u kontra Rose Grech *in solidum* bejniethom li qed jigi hawn likwidat fl-ammont ta' tmint elef, mija u disa' u tmenin ewro (€8,189) a saldu tas-sehem tieghu mill-proprjetajiet kollha.

Jigu assenjati lill-atturi kollha flimkien mal-konvenuta Rose Grech flimkien u indivizament bejniethom parti wahda minn hamsa (1/5) kull wiehed u wahda minnhom il-porzjonijiet indikati bl-ittri A876, E I199, F792, G518, I597 u J698 murija fuq il-pjanta ASK a fol 94 tal-process, bil-benefikati eretti fuqhom, u bid-drittijiet u pertinenzi li jgawdu llum skont kif jirrizulta mir-rapport Peritali a fol 82 tal-process soggett ghall-hlas tal-ammont ta' tmint elef, mija u disa' u tmenin ewro (€8,189) favur l-intimat Orazio sive Grezzju Vella solidalment bejniethom u bil-valur stmat u accettat minn din il-Qorti tal-Perit Alan Saliba kif muri fir-rapport a fol. 86 tal-process. Din l-assenjazzjoni qed issir a saldu ta' sehemhom ta' parti wahda minn tnax (1/12) kull wiehed u wahda minnhom mill-artijiet kollha in divizjoni.

Il-Qorti qed tikkundanna lill-atturi u lil Rose Grech solidalment bejniethom biex ihallsu lill-intimat Orazio sive Grazio Vella fuq l-att ta' divizjoni l-ammont fuq likwidat ta' ekwiparazzjoni ta' tmint elef, mija u disa' u tmenin ewro (€8,189).

Il-passagg bir-rigel muri bl-ittra K fuq il-pjanta imsemmija ser jinzamm indiviz bejn il-porzjonijiet E, F, G, H, I, J imsemmija.

Tordna li konsegwentement jsiru xoghlijiet ta' tniffid tal-ghalqa porzjoni C428 mir-razzett A876 u ssir is-separazzjoni tas-servizz tad-dawl sabiex dan iservi biss ir-razzett B1170 kif ikkonstata l-perit tekniku (para 4.5. a fol 89) . Dawn ix-xoghlijiet jistghu isiru minn kull wiehed jew wahda mill-partijiet u ghandhom isiru taht is-supervizjoni ta' Perit li qed jigi hawn nominat **il-Perit Alan Saliba** ghal dan l-iskop u a spejjez kwantu ghall-seba' minn tnax (7/12) mill-intimat, u hamsa minn tnax (5/12) mill-atturi u minn Rose Grech *in solidum* bejniethom.

4. Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-intimati sabiex jersqu ghall-kuntratt ta' divizjoni tal-proprjetajiet skont kif hawn ordnat.

5. Tilqa' l-hames talba u tinnomina lin-Nutar Peter Carbonaro sabiex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni .

6. Tilqa' s-sitt talba u tiffissa it-Tlieta 11 ta' Lulju 2017 f'12:00p.m fl-edificcju tal-Qrati superjuri ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tad-divizjoni.

7. Tilqa' s-seba' talba u tinnomina lill-Avukat Dottor Charmaine Cherrett u lill-Prokuratur Legali Quentin Tanti sabiex jidhru fuq l-att ta' divizjoni ghall-eventwali kontumaci u sabiex jircievu l-ammont dovut bhala hlas ta' ekwiparazzjoni.

8. *Stante* l-assenjazzjoni hawn ordnata, tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tmien talba.

**Tordna li l-ispejjez tal-kawza jinqasmu skont l-ishma rispettivi tal-partijiet tal-proprjeta` mertu tal-kaz.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Mejju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju 2017**